MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru. 96/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Mario Formosa**

Numru: 96/2014

Illum 7 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mario Formosa** ta' hamsa u tletin (35) sena, iben Joseph u Maria neé Cauchi, imwieled Rabat, Ghawdex, fit-23 ta' April 1979 u residenti

Avemar, Triq il-Qortina, Sannat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 235979(M), akkuzat talli nhar it-8 ta' Settembru 2014 u fil-granet u xhur ta' qabel gewwa l-bajja tar-Ramla, limiti tax-Xaghra, Ghawdex u kif ukoll gewwa postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-persuna ta' Dr. Joshua Grech LL.D. b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li bl-agir tieghu kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna liema delitt sar fil-presenza ta' zewg minuri;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioé lil Dr. Joshua Grech LL.D. biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u liema delitt sar fil-presenza ta' zewg minuri;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ngurja u hedded lill-persuna ta' Dr. Joshua Grech LL.D.;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-paci pubblika u/jew l-bon-ordni b'ghajjat u glied;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded bil-fomm lil Dr. Joshua Grech LL.D. f'liema theddid kien hemm ordni jew xi kondizzjoni;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Dr. Joshua Grech LL.D. weggghu bil-kliem u dan permezz ta' ingurji bil-kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat inkella bi kliem jew ghemil mhux xieraq;

8. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) datata 8 ta' Lulju 2014 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet mitluba illi, f'kaz ta' htija, barra l-piena skont il-ligi tapplika l-Artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll, f'kaz ta' htija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa u dan fil-konfront tal-vittma u kif ukoll tal-familja tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "FT 5" – *a fol.* 25).

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jobbliga ruhu li bl-ebda ma kien ser jiddejjaq, jimmolesta jew ikellem lill-kwerelant Dr.

Joshua Grech u li, fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, il-kwerelant Dr. Joshua Grech irrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni u lill-parte civile jiddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-hames (5) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra addebitati fil-konfront tal-imputat ftit wisq hemm xi jinghad in segwitu ta' dak li obbliga ruhu l-imputat fil-konfront tal-kwerelant Dr. Joshua Grech u in segwitu ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali u dana *stante* li filwaqt li l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjoni ma gewx pruvati, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja tal-istess kwerelant Dr. Joshua Grech.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni

migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat u li giet pruvata, l-ammissjoni bikrija tieghu u kif ukoll il-fatt li l-imputat ghamel obbligazzjoni fl-atti processwali fir-rigward tal-kwerelant Dr. Joshua Grech.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li (*stante* rinunzja) tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, tillibera (minhabba nuqqas ta′ provi) lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mir-raba′ (4), mis-sitt (6), mis-seba′ (7) u mit-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u wara li rat Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta ssib lill-imputat Mario Formosa hati tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah canfira u twiddiba.

Fl-ahhar nett, il-Qorti, wara li rat Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta tordna li jinhareg Ordni ta′ Protezzjoni fil-konfront ta′ Dr. Joshua Grech LL.D. u dana skont il-kondizzjonijiet indikati fid-Digriet anness ma′ din is-sentenza

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------